Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,117, 19 ta' Settembru, 2023
Taqsima B

A.L. 220 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2023 tal-Kors għall-Grad ta'
International Master of Science in Environmental Management and Sustainability – M.Sc. –
taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) (v) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2023 tal-Kors għall-Grad ta' International Master of Science in Environmental Management and Sustainability – M.Sc.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli mill-amministrazzjoni akkademika u l-organizzazzjoni tal-Kors, li għandu jinkludi membri minn kull Istituzzjoni Msieħba;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Environmental Management and Sustainability – P.G. Cert. – tal-Università;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Environmental Management and Sustainability – P.G. Dip. – tal-Università;

"il-Grad" tfisser il-grad doppju ta' Master of Science in Environmental Management and Sustainability – M.Sc.– tal-Università u l-Master of Science in Integrated Science and Technology – M.S. (ISAT) – tal-Università Msieħba;

"l-Istituzzjonijiet Imsieħba" tfisser l-Università ta' Malta u James Madison University;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju żviluppat mill-Istituzzjonijiet Imsieħba li jwassal għall-gradi ta' Master of Science in Environmental Management and Sustainability – M.Sc.– u ta' Master of Science in Integrated Science and Technology – M.S. (ISAT) – kif applikabbli;

"is-Senat" tfisser is-Senat tal-Università ta' Malta;

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

"l-Università Msieħba" tfisser il-James Madison University.

(3) Dan il-Grad huwa grad ta' Master Internazzjonali tal-Università u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Università bil-kollaborazzjoni tal-Università Msieħba fi ħdan il-qafas ta' programm għal grad doppju. Il-Grad jingħata biss jekk l-Istituzzjonijiet Imsieħba jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli li jingħatalu.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f' Awwissu 2023 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Il-Kors għandu jkun miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fis-Sistemi Ambjentali, fix-Xjenza jew fl-Inġinerija jew f'xi qasam ta' studju ieħor li l-Bord iqis xieraq, diment li l-grad tal-ewwel ċiklu jkun miksub bi klassifikazzjoni tat-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar, jew bi klassifikazzjoni ekwivalenti.

(2) L-applikanti huma meħtieġa wkoll juru li l-livell tal-Ingliż tagħhom jissodisfa r-rekwiżit tal-Università għall-lingwa Ingliża kif ippubblikat fuq is-sit uffiċjali tal-Università fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa wkoll jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom ittra miktuba bl-Ingliż li tagħti l-motivazzjoni tagħhom għax applikaw għall-Kors.

(4) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, għandu jiddetermina l-għadd tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont

ir-riżorsi disponibbli. In-numru tal-postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Jekk in-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu evalwati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin miftiehma mill-Istituzzjonijiet Imsieħba:

(a) ir-rilevanza tas-suġġetti, riżultati u klassifikazzjoni finali tal-grad – 65%; u

(b) id-dikjarazzjoni ta' intenzjoni u motivazzjoni biex isegwu l-Kors u ittri ta' rakkomandazzjoni – 35%.

(6) Meta l-kriterji ta' hawn fuq ma jkunux biżżejjed biex tiġi deċiża l-għażla tal-applikanti, jistgħu jsiru intervisti għal dak il-għan.

(7) Meta jsiru, l-intervisti għandhom isiru minn bord tal-intervisti maħtur mill-Bord tal-Istudji, li għandu jkun magħmul minn tal-inqas tliet membri u jkun jinkludi membri miż-żewġ Istituzzjonijiet Imsieħba.

(8) Il-bord tal-intervisti jista' jagħmel użu minn mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni sabiex jagħmel dawn l-intervisti.

L-Applikazzjoni u r-Reġistrazzjoni

4. (1) L-applikazzjonijiet kollha għandhom isiru onlajn permezz tas-sit tal-Università Msieħba (jmu.edu) skont l-istruzzjonijiet ippubblikati u qabel id-dati ta' skadenza ddikjarati fuq is-sit.

(2) L-applikanti li jintgħażlu biex jidħlu fil-Kors, għandhom ikunu reġistrati bħala studenti fiż-żewġ Istituzzjonijiet Imsieħba.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju *full-time*.

(2) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jestendu l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn sitt xhur, izda f'ċirkustanzi speċjali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jagħti lill-istudenti estensjoni oħra ta' sa mhux aktar minn sentejn sabiex ikunu jistgħu jlestu l-istudji tagħhom. Dawn l-estensjonijiet huma soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, u għad-disponibbiltà tat-taqsimiet-studju inklużi fil-programm matul il-perjodu ta' estensjoni.

(3) Jekk studenti li qegħdin isegwu l-Kors igawdu minn borża ta' studju u jinħtieġu estensjoni, il-borża ta' studju tagħhom m'għandhiex tiġi estiża. Dawn l-estensjonijiet jistgħu jingħataw skont ir-regolamenti applikabbli tal-Istituzzjonijiet Imsieħba involuti.

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li jinkludu taqsimiet-studju mgħallma assenjati 70 krettu ECTS u proġett tat-tmiem assenjat 20 krettu ECTS. Il-Bord għandu jippubblika l-programm qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) L-istudenti kollha huma meħtieġa li jattendu perijodu ta' studju fl-Istituzzjonijiet Imsieħba, kif indikat hawn taħt:

Semestru 1 – James Madison University
Semestru 2 – Università ta' Malta.
Semestru 3 – f'waħda miż-żewġ Istituzzjonijiet Msieħba.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet-Studju

7. (1) Il-Bord għandu jħejji katalgu tat-taqsimiet-studju kollha. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima-studju, il-kretti ECTS assenjati għal kull taqsima-studju, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, kif ukoll l-opportunitajiet għall-evalwazzjoni mill-ġdid għal kull taqsima-studju.

(2) It-taqsimiet-studju inklużi fil-programm għandhom ikunu soġġett għar-regoli u r-regolamenti applikabbli fl-Università Msieħba li qegħda toffri t-taqsima-studju rispettiva.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Is-Senat għandu jaħtar Bord tal-Eżaminaturi għal kull taqsima-studju li ssir fl-Università, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' Valutazzjoni tal-Università.

(2) Il-metodu ta' valutazzjoni għal kull taqsima-studju għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni tat-taqsima-studju. Il-valutazzjoni ta' kull taqsima-studju mgħallma għandha ssir sat-tmiem tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima-studju.

(3) Il-livell milħuq mill-istudenti matul il-Kors għandu jkun evalwat skont il-metodu ta' valutazzjoni approvat għal kull taqsima-studju. Il-valutazzjonijiet għandhom ikunu kklassifikati skont l-iskema tal-immarkar u tal-gradazzjoni tal-Istituzzjoni Msieħba u mbagħad ikkonvertiti għall-iskema tal-immarkar u tal-gradazzjoni tal-Università skont grad ta' konverzjoni li jkun miftiehem mill-Istituzzjonijiet Imsieħba.

(4) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima-studju mgħallma għandhom jitħallew jagħmlu valutazzjoni mill-ġdid darba biss. Il-valutazzjoni mill-ġdid tat-taqsimiet-studju għandha ssir fis-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jmiss. Il-marka/grad massima/u li jistgħu jingħataw wara valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet-studju mgħallma hi 45%/Grad E.

(5) L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS għal taqsimiet-studju mgħallma li segwew fl-Università u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate mill- Università.

(6) L-istudenti li jiksbu 60 krettu ECTS għal taqsimiet-studju mgħallma u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma mill-Università.

Il-Proġett tat-Tmiem

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu proġett tat-tmiem individwali skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq il-proġett tat-tmiem għandu jsir matul it-tieni u t-tielet semestri tal-Kors. L-istudenti għandhom jissottomettu titlu u proposta tar-riċerka dettaljata għall-approvazzjoni sad-data stabbilita u fil-format speċifikat mill-Bord tal-Istudji.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jiffamiljarizzaw ruħhom u jimxu mal-istruzzjonijiet u mal-linji gwida kif imniżżla fil-Manwal tal-Proġett tat-Tmiem ipprovdut mill-Bord tal-Istudji.

(4) L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji għal kwalunkwe modifikazzjoni sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tal-proġett tat-tmiem.

(5) Il-proġetti tat-tmiem għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata mill-istudenti li dak huwa x-xogħol oriġinali tagħhom.

(6) Qabel ma jiggradwaw, l-istudenti għandhom jippreżentaw verżjoni elekttronika lil kull waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, li għandha tinkludi dikjarazzjoni ta' awtentiċità ffirmata. Il-verżjoni elettronika għandha tikkonforma mal-livelli stabbiliti minn kull Istituzzjoni Mmsieħba.

10. (1) Kull student għandu jiġi assenjat superviżur prinċipali li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi kontinwa matul il-perjodu ta' studju. Jista' jiġi assenjat ukoll ko-superviżur.

(2) Is-superviżuri perjodikament għandhom jinfurmaw bil-miktub lill-Bord tal-Istudji dwar il-prestazzjoni ġenerali ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom.

11. (1) Kull proġett tat-tmiem għandu jkun eżaminat minn Bord tal-Eżaminaturi, magħmul tal-anqas minn tliet membri li jirrapreżentaw lil kull Università Msieħba, u

li normalment jinkludi s-superviżur.

(2) L-istudenti normalment ikunu meħtieġa joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu l-proġett tat-tmiem tagħhom u dan jista' jsir permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji.

(3) L-istudenti li l-proġett tat-tmiem tagħhom ma jkunx sodisfaċenti jistgħu jeħlu jew ikunu meħtieġa mill-Bord tal-Eżaminaturi jiktbu mill-ġdid id-dokument kollu jew parti minnu u jerġgħu jissottomettuh għal eżami. L-istudenti jistgħu jerġgħu jissottomettu l-proġett tat-tmiem mhux aktar tard minn sitt xhur min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

12. (1) L-istudenti li jtemmu b'suċċess id-90 krettu ECTS inklużi fil-programm ta' studju għall-Kors għandhom ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad.

(2) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq fil-Kors minn kull student għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad u tal-Postgraduate Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(3) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad u tal-Postgraduate Diploma jkunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati bħala Għadda b'Distinzjoni, Għadda b'Mertu jew Għadda. Il-Postgraduate Certificate jingħata mingħajr klassifika.

Iċ-Ċertifikat tar-Rikonoxximent

13. Iċ-ċertifikat mogħti mill-Università għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika li l-Università Msieħba tat separatament grad għat-tmiem b'suċċess tal-istess Kors.

Il-Provvediment Ġenerali

14. Għal materji li m'hemmx provvedimenti dwarhom f'dawn ir-regolamenti, il-Bord u l-Bord tal-Istudji għandhom ikunu ggwidati mill-provvedimenti tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2021, ippubblikati bħala Avviż Legali 371 tal-2021, kif applikabbli.

It-Tħassir

15. L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Grad ta' International

Master of Science in Environmental Management and Sustainability - M.Sc. (EMS) - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 548 tal-2010 għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Awwissu 2023, iżda l-istudenti rreġistrati għal dawn il-korsijiet qabel l-1 ta' Awwissu 2023 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta ssieħbu fil-kors.